2026/514

10.3.2026

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/514**

**tat-3 ta' Marzu 2026**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) (EUNAVFOR ASPIDES/2/2026)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, li stabbiliet operazzjoni militari ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES).

(2) Skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ASPIDES (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").

(3) Fl-24 ta' Frar 2026, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/495 ([2]), li ħatret il-Komodor Grigorios NOUSIAS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-perjodu mit-18 ta' Frar 2026 sal-14 ta' Marzu 2026.

(4) Fit-3 ta' Frar 2026, l-awtoritajiet militari Taljani pproponew il-ħatra tal-Kaptan Milos ARGENTON biex jieħu post il-Komodor Grigorios NOUSIAS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE (il-"ħatra proposta") L-awtoritajiet Militari Taljani indikaw li l-Kaptan Milos ARGENTON ser jiġi promoss għal Kontrammirall mal-ħatra tiegħu.

(5) Fl-4 ta' Frar 2026, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE EUNAVFOR ASPIDES appoġġa l-ħatra proposta mill-14 ta' Marzu 2026.

(6) Fis-6 ta' Frar 2026, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Kontrammirall Milos ARGENTON jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

(7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Kontrammirall Milos ARGENTON bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kontrammirall Milos ARGENTON huwa maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) mill-14 ta' Marzu 2026.

---

([1]) ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2026/495 tal-24 ta' Frar 2026 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2217 (EUNAVFOR ASPIDES/1/2026) (ĠU L, 2026/495, 4.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/495/oj).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-14 ta' Marzu 2026.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2026.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

L. MANDEL VENSILD